REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2080

tat-18 ta' Novembru 2015

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2535/2001 fir-rigward tal-ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni għall-prodotti tal-ħalib li joriġinaw fl-Ukrajna u t-tneħħija ta' kwota tariffarja tal-importazzjoni għall-prodotti tal-ħalib li joriġinaw fil-Moldova

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 187 tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE ([2]), il-Kunsill awtorizza l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja, tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa, u l-Ukrajna, fuq in-naħa l-oħra. It-Titolu IV ta' dan il-Ftehim u l-Anness I-A tal-Kapitolu I tiegħu, fihom previst l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq l-importazzjoni ta' oġġetti li joriġinaw fl-Ukrajna u għal kwoti tar-rati tariffarji li tlieta minnhom huma b'rabta mal-prodotti tal-ħalib. Sakemm jidħol fis-seħħ il-Ftehim, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 374/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), il-kwoti tar-rati tariffarji tal-importazzjoni għall-prodotti tal-ħalib għall-Ukrajna ġew inklużi bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 415/2014 ([4]) u (UE) Nru 1165/2014 ([5]) fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 ([6]) sal-31 ta' Diċembru 2015. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jibda japplika b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2016.

(2) Għaldaqstant jixraq li titlesta l-Parti L tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001 bil-kwoti tar-rati tariffarji tal-importazzjoni għall-prodotti tal-ħalib għall-Ukrajna għall-perjodi ta' kwota mill-1 ta' Jannar 2016 'il quddiem.

(3) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/492/UE ([7]), il-Kunsill awtorizza l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova min-naħa l-oħra. L-Artikolu 147 ta' dak il-Ftehim fih previst l-eliminazzjoni ta' dazji doganali dwar importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 55/2008 ([8]) li jintroduċi preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova u li fih previst kwota tal-importazzjoni għall-prodotti tal-ħalib imsemmija fl-Artikolu 5(j) tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001 japplika sal-31 ta' Diċembru 2015. Għaldaqstant jixraq li d-dispożizzjonijiet b'rabta mal-kwota tal-importazzjoni għall-prodotti tal-ħalib għall-Moldova jitħassru mir-Regolament (KE) Nru 2535/2001.

(4) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 għandu jiġi emendat.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-Titolu III (bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw it-trattament ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi legalment impjegati bħala ħaddiema fit-territorju tal-Parti l-oħra) u t-Titoli IV, V, VI u VII tiegħu, kif ukoll l-Annessi u l-Protokolli relatati (ĠU L 278, 20.9.2014, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 374/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar it-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq oġġetti li joriġinaw mill-Ukrajna (ĠU L 118, 22.4.2014, p. 1).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 415/2014 tat-23 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2535/2001 dwar l-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-prodotti tal-ħalib li joriġinaw mill-Ukrajna u li jidderoga minnu (ĠU L 121, 24.4.2014, p. 49).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1165/2014 tal-31 ta' Ottubru 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2535/2001 rigward l-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-prodotti tal-ħalib li joriġinaw mill-Ukrajna (ĠU L 314, 31.10.2014, p. 7).

([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 tal-14 ta' Diċembru 2001 li jipprovdi regoli dettaljati biex ikun applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-arranġamenti tal-importazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u biex jinfetħu kwoti tat-tariffa (ĠU L 341, 22.12.2001, p. 29).

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/492/UE tas-16 ta' Ġunju 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra (ĠU L 260, 30.8.2014, p. 1).

([8]) ĠU L 20, 24.1.2008, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 5, jitħassar il-punt (j);

(2) Fl-Artikolu 19(1), jitħassar il-punt (i);

(3) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) Titħassar Taqsima J;

(b) Taqsima L tinbidel bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Japplika għall-perjodu ta' kwota mill-1 ta' Jannar 2016 'il quddiem.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

“I. L

KWOTI TARIFFARJI MSEMMIJA FL-APPENDIĊI TAL-ANNESS I-A TAL-KAPITOLU I TAL-FTEHIM TA’ ASSOĊJAZZJONI MAL-UKRAJNA

Numru tal-Kwota	Kodiċi NM	Deskrizzjoni (1)	Pajjiż tal-oriġini	Perjodu ta’ importazzjoni	Kwantità tal-kwota (f’tunnellati f’piż tal-prodott)	Kwantità tal-kwota Kull sitt xhur (f’tunnellati f’piż tal-prodott)	Dazju tal-importazzjoni (f’EUR/100 kg piż nett)
09. 4600	0401 0402 91 0402 99 0403 10 11 0403 10 13 0403 10 19 0403 10 31 0403 10 33 0403 10 39 0403 90 51 0403 90 53 0403 90 59 0403 90 61 0403 90 63 0403 90 69	Ħalib u krema, mhux fi trab, ħbub jew forom solidi oħrajn; jogurt, mhux mogħti togħma jew li fih frott, ġewż jew kawkaw miżjud; prodotti tal-ħalib iffermentati jew aċidifikati, mhux mogħtija togħma jew li fihom frott, ġewż jew kawkaw miżjud u mhux fi trab, ħbub jew forom solidi oħrajn	L-UKRAJNA	Sena 2016 Sena 2017 Sena 2018 Sena 2019 Sena 2020 Sena 2021 u sussegwenti	8 000 8 400 8 800 9 200 9 600 10 000	4 000 4 200 4 400 4 600 4 800 5 000	0
09. 4601	0402 10 0402 21 0402 29 0403 90 11 0403 90 13 0403 90 19 0403 90 31 0403 90 33 0403 90 39 0404 90 21 0404 90 23 0404 90 29 0404 90 81 0404 90 83 0404 90 89	Ħalib u krema, fi trab, ħbub jew forom solidi oħra: prodotti tal-ħalib iffermentati jew aċidifikati, fi trab, ħbub few forom solidi oħrajn, mhux mogħtija togħma partikulari u lanqas bil-frott, lewż jew kawkaw miżjud; prodotti magħmulin minn kostitwenti naturali tal-ħalib, mhux speċifikati jew inklużi banda oħra	L-UKRAJNA	Sena 2016 Sena 2017 Sena 2018 Sena 2019 Sena 2020 Sena 2021 u sussegwenti	1 500 2 200 2 900 3 600 4 300 5 000	750 1 100 1 450 1 800 2 150 2 500	0

Numru tal-Kwota	Kodiċi NM	Deskrizzjoni (1)	Pajjiż tal-oriġini	Perjodu ta' importazzjoni	Kwantità tal-kwota (f'tunnellati f'piż tal-prodott)	Kwantità tal-kwota Kull sitt xhur (f'tunnellati f'piż tal-prodott)	Dazju tal-importazzjoni (f'EUR/100 kg piż nett)
09. 4602	0405 10 0405 20 90 0405 90	Butir u xaħmijiet u żjut oħra miġjuba mill-ħalib; dlik (pejst) tal-butir b'kontenut tax-xaħam, bħala piż, li jaqbeż il-75 % iżda anqas minn 80 %	L-UKRAJNA	Sena 2016	1 500	750	0
				Sena 2017	1 800	900	
				Sena 2018	2 100	1 050	
				Sena 2019	2 400	1 200	
				Sena 2020	2 700	1 350	
				Sena 2021 u sussegwenti	3 000	1 500	

(1) Minkejja r-regoli dwar l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jitqies bħala ta' valur indikattiv biss, minħabba li l-applikabbiltà tal-arranġamenti preferenzjali, fil-kuntest ta' dan l-Anness, hija determinata mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kodiċijiet NM."